# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## IMHALLEF

## ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum 28 ta' Gunju, 2002**

**Appell Nru 98/2002**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Benjamin Muscat**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Benjamin Muscat talli fil-4 ta' Frar, 2001 ghall-habta tal-11.15 pm, bhala persuna li f'isimha ghandha licenzja tal-Pulizija sabiex tiggestixxi l-"Palazzo Pescatore" fi Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar, daqq u/jew xort' ohra ppermetta id-daqq ta' muzika fl-imsemmi post wara l-11 pm minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija; l-ewwel qorti kienet mitluba illi f'kaz ta' htija, minbarra li taghti l-piena applikabbli ghar-reati, torbot lill-hati, jekk ikun hemm il-lok, li jnehhi l-inkonvenjent li bih saru l-kontravvenzjonijiet jew, skond ic-cirkostanzi, li jezegwixxi l-ligi fi zmien sufficjenti moghti lilu, kif jigi stabbilit mill-qorti u fin-nuqqas jehel piena ta' mhux izjed minn zewg liri ghall-kull gurnata li l-kontravvenzjonijiet ikomplu wara li jaghlaq iz-zmien moghti; il-qorti giet ukoll mitluba li, minghajr hsara tad-disposizzjonijiet ta' kull ligi ohra li tordna jew tawtorizza s-sospensjoni jew it-thassir, jew l-iskwalifika milli jzomm jew jikseb xi licenzja, permess jew awtorita` ohra mahruga mill-Gvern, wara li l-imputat jigi ddikjarat hati ta' dawn ir-reati kriminali li saru fl-ezercizzju jew dwar l-ezercizzju ta' xi professjoni, arti, negozju, vokazzjoni jew xoghol iehor li ghalihom ikun hareg jew jista' jinhareg licenzja, permess jew awtorita` mill-Gvern, jew bl-uzu jew permezz ta' xi ghodda, vetturi jew oggetti jew kull haga ohra li tkun li biex tinzamm jew tintuza tkun inharget licenzja, permess jew awtorita` f'ismu, tordna li l-hati jkun skwalifikat milli jkollu jew jikseb, ghal dak iz-zmien illi l-qorti jidhrilha xieraq, dik il-licenzja, permess jew awtorita`;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-23 ta' April, 2002 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Benjamin Muscat hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, ikkundannatu ammenda ta' hamsa w ghoxrin lira (Lm25) u skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni xi licenzja dwar daqq ta' muzika ghal zmien sena mid-data data ta' dik is-sentenza;

Rat it-talba ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza, debitament akkordata fit-23 ta' April, 2002; rat ir-rikors ta' appell tal-imsemmi Benjamin Muscat, minnu ppresentat fis-6 ta' Mejju, 2002, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum; ikkunsidrat:

Fl-udjenza tal-lum l-abbili prosekutur Dott. Mark Said irregistra verbal fis-sens illi l-prosekuzzjoni kienet taqbel li l-fatti rizultanti lill-ewwel qorti f'dan il-kaz ma setghu qatt legalment jammontaw ghall-akkuza dedotta. Wara dana l-verbal, il-partijiet qablu li l-appell seta' jibqa' ghas-sentenza.

In vista tad-dikjarazzjoni appena msemmija tal-prosekuzzjoni, din il-Qorti m'ghandhiex alternattiva hlief li tilqa' l-appell.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija u piena.

Deputat Registratur